Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10780 – WATERLAND / KIDSFOUNDATION / PARTOU)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 226/04)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Waterland Private Equity Investments B.V. ("Waterland", in-Netherlands),

— Orange TopCo B.V. ("KidsFoundation/Partou", in-Netherlands), ikkontrollata bi sħab minn Waterland u Onex Corporation.

Waterland takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' KidsFoundation/Partou kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Waterland: grupp indipendenti ta' investiment ta' ekwità privata li jiffoka fuq erba' temi ta' investiment: il-popolazzjoni li qed tixjieħ, l-esternalizzazzjoni u l-effiċjenza, id-divertiment u l-lussu, u s-sostenibbiltà. Waterland hija prinċipalment attiva fil-Belġju, fid-Danimarka, fi Franza, fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fil-Polonja u fir-Renju Unit,

— KidsFoundation/Partou: attiva fl-organizzazzjoni u l-operat tal-kura tat-tfal fin-Netherlands u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10780 – WATERLAND / KIDSFOUNDATION / PARTOU

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.